SANNAT

Tkompliet il-laqgħa numru għaxra tas-seba' tal-leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 18 ta' Jannar 2010 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| | Guda Taddeus Bajada |
| | Manuel Tabone |
| | Joseph Bajada |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

456 *(para. 414)* Rigward l-interview tal-iskrivan part time, ġie nnotat li waħda mill-applikanti li hemm għandha fis-C.V tagħha bħala referenza lis-Sur Noel Formosa. Għalhekk il-Kunsill qabel li jinstab persuna oħra.

457 *(para.428)* Memo 9/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar xogħol fuq toroq residenzjali. Hemm €5.2 miljuni allokati biex jintefqu fuq toroq. Sa l-aħħar ta' Jannar 2010 trid tintbagħat lista ta' toroq li huwa ppjant li jsir xogħol fuqhom permezz tal-budget allokat għal din is-sena. Il-Kunsil qabel li bħala xogħol ta' resurfacing għandu jsir xogħol fuq Triq Falkun u triq oħra.

458 *(para. 429)* Memo 10/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar skema ta' proġetti ta' Enerġija Alternattiva. Sa l-aħħar ta' Jannar 2010, il-Kunsilli interesati għandhom jindikaw xi proġetti jixtiequ jwettqu. Spjegazzjoni qasira tal-progett u stima approssimattiva tal-proġett.

459 *(para. 430)* Rigward Memo 11/2010 tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar ERDF AXIS 2 Pre-Call għal proġetti b'aktar minn €2 miljuni fil-qalba tal-lokalitajiet, il-Kunsill ser japplika biex jagħmel tabella b'mappa tar-raħal f'post ċentrali.

460 *(para.431)* Rigward Memo 12/2010 tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar għajnuna għat-tħawwil ta' siġar, il-Kunsill qabel li japplika sabiex jitħawlu s-siġar fi Triq it-28 ta' April 1688 u fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus.

461 *(para. 450)* Dwar il-Karnival, il-Kunsill qabel li jkun aħjar li din is-serata' ssir fil-pjazza flok ħdejn il-Każini.

**Item 2 Korrispondenza**

462 Memo 14/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-Skema dwar inizjattivi ta' Attivitajiet 2010. Uħud mill-Kunsilli Lokali li ser jorganizzaw dawn l-attivitajiet mhumiex iżommu mad-dati li kienu mniżżla fl-applikazzjoni li qed joħloq problemi fir-riklamar ta' dawn l-attivitajiet. Kull tibdil fid-dati jrid jiġi notifikat lid-dipartiment tal-anqas xahar qabel l-attivita' u dan it-tibdil ma jistax isir qabel ma jkun hemm l-approvazzjoni tad-Dipartiment. Kull attivita' li jinbidlulha d-dati mingħajr permess ma tibqax intitolata għall-għajnuna finanzjarja.

463 Memo15/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Fondi bi Bżonnijiet Speċjali għal lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali. Dawn huma fondi għal responabiltaijiet diretti li għandhom il-Kunsili Lokali bħal ġbir ta' skart, tindif u responsabiltajiet oħra li l-allokazzjoni ma taħsibx għalihon peress li tkun maħduma fuq in-numru ta' residenti u mhux fuq in-numru ta' nies li jgħixu għal perjodu qasir jew jmorru f'dik il-lokalita' ta' kuljum jew perjodi partikulari fis-sena. It-toroq mhux ser jiġu finanzjati minn dan il-fond.

464 Memo 16/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilta' ta' librerija lokali. Il-Kunsilli li japplikaw ser jingħataw €466 bħala għajnuna. Din l-applikazzjoni ġa saret.

465 Dwar il-fanali tal-pjazza, l-kuntrattur qed jirrakomanda li kull fanal jiġi fitted b'RCD (salvavita bi switch) biex tinstab il-problema.

466 Id-direzzjoni tal-IPSL bagħtu l-ħaddiema biex ikomplu jibnu l-ħajt ta' Triq Mġarr ix-Xini. Il-parti perikoluża li hemm fejn il-pompa l-antika tal-ilma ser tinbena filata 'l fuq mit-triq kif wkoll isir tiħkil tal-istess ħajt.

467 Ittra mill-OPM dwar l-attivita' Notte Scarlata fejn talbu biex nikkonfermaw id-dati l-4 ta' Ġunju 2010 sas-6 ta' Ġunju 2010. Il-Kunsill għandu jikkonferma dawn id-dati.

468 Ittra mill-AKL rigward informazzjoni dwar l-enerġija sostenibbli u b'mod partikulari dwar it-tħejjija tas-*Sustainable Energy Action Plan (SEAP).*

469 Ittra mingħand Bajada Group Ltd. li jixtiequ jkellmu lill-Kunsill dwar ir-renewable energy. Dawn ġejjin nhar il-Erbgħa, 20 ta' Jannar fit-3.00 p.m. Rappreżentant tagħhom ġab ukoll stima ta' 100 Novotherm solar heaters li jista' jintalab *rebate* mingħand il-gvern għalihom.

470 Ittra mill-AKL dwar il-problemi li hemm rigward il-kuntratt tar-re-instatement ta' toroq fejn isiru trinek mill-KSI (WSC). Il-Kunsilli Lokali kollha jridu jippreparaw l-ammonti dovuti sabiex isir rikors ġudizzjarju f'ġurnata waħda mill-Kunsilli Lokali kollha. Rigward il-kuntratt għadhom għaddejjin bid-diskussjoni li jrid jiġi finalizzat sa Frar 2010.

471 Ittra dwar n-Nazzareno Vassallo Award rigward inizjattivi għal kura tal-anzjani.

472 Ittra anonima dwar il-knis fi Triq it-Tempju tal-Imramma biex jinqata' l-ħaxix fuq il-bankini.

**Item 4. Tiġdid ta' Kuntratti**

473 Il-Kunsill approva t-tiġdid tal-kuntratti għal sena oħra li huma:



Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

Tal-*cleaner* tal-Kunsill
Tal-Isports Leader tal-Kunsill
Tal-proviżjoni tar-*Ready Mix Concrete*
Tar-Resurfacing tat-toroq bil-*hot rolled asphalt*.

**Item 4. Materja Oħra**

474 Il-laqgħa annwali tal-lokalita' ser issir fil-5 ta' Frar 2010 fis-6.30 p.m.

475 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minn Pisoniano fejn il-Kunsill hu ġemellat jixtiequ jiġu grupp ta' 30 ruħ fis-sajf li ġej. Għandha ssir applikazzjoni għal fondi ta' EU taħt l-iskema *Town Twinning Citizens Meetings.*

476 Uħud mill-Kunsilliera ilmentaw rigward kif tqassmu d-dikasteri li ngħataw. Is-Sindku għandu jerġa jikkunsidra mill-ġdid id-delega tad-dikasteri.

477 Għandu jsir l-appuntament ma' Gorden Vella sabiex isir studju rigward l-irziezet li hemm fil-lokalita' speċjalment dawk li qiegħdin fil-qalba tar-raħal.

478 Il-*performance bonus* tal-impjegati tal-Kunsill tħalla għal laqgħa oħra.

**Item 5. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

479 Ġew approvati l-pagamenti pendenti skont Skeda numru 5.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.40 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

SANNAT